



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 17 ta' Diċembru 2012 (10.01)
(OR. en)**

17000/12

LIMITE

**PV CONS 64
RELEX 1097**

ABBOZZ TA' MINUTI¹

Suġġett: It-**3203** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**AFFARIJET BARRANIN**), li
saret fi Brussell fid-29 ta' Novembru 2012

¹ L-informazzjoni dwar deliberazzjonijiet legiſlattivi tal-Kunsill, dwar każijiet oħrajn ta' deliberazzjonijiet tal-Kunsill miftuħin għall-pubbliku u dwar dibattiti pubbliċi tinsab fl-Addendum 1 għal dawn il-minuti.

WERREJ

Paġna

1. Adozzjoni tal-aġenda proviżorja	3
--	---

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

2. Omnibus	3
3. Responsabbiltà finanzjarja għal soluzzjoni ta' tilwim bejn investitur u stat.....	3
4. Affarijiet Oħra	3

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

5. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"	3
6. UE-Ġappun.....	4
7. Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) UE-Kanada	4
8. Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA) UE-Singapor.....	5
9. UE-Nofsinhar tal-Mediterran	5
10. Affarijiet Oħra	5

ANNEX	6
-------------	---

o

o o

1. **Adozzjoni tal-aġenda proviżorja**
16743/12 OJ/CONS 63 RELEX 1075

Il-Kunsill approva l-aġenda kif tinsab fid-dokument 16743/12.

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

2. **Omnibus**

- Stat attwali

Il-Kunsill ħa nota tal-istat attwali tal-fajls dwar Omnibus I u Omnibus II u, rigward Omnibus II faħħar l-isforzi tal-Presidenza biex tlesti l-ħidma tagħha biex jib dew in-negozjati tat-trilogu mal-Parlament Ewropew malajr kemm jista' jkun.

3. **Responsabbiltà finanzjarja għal soluzzjoni ta' tilwim bejn investitur u stat**

- Stat attwali
16015/12 WTO 352 FDI 30

Il-Kunsill iddiskuta l-istat attwali f'deliberazzjonijiet leġislativi dwar ir-Regolament propost dwar responsabbiltà finanzjarja għal soluzzjoni ta' tilwim bejn investitur u stat. Il-Presidenza nnotat li l-ħidma teknika dwar il-proposta ser tkompli fil-korpi ta' ħidma responsabbli tal-Kunsill, bil-għan li jsiru t-tħejjijiet għan-negozjati tat-trilogu mal-Parlament Ewropew.

4. **Affarijiet oħra**

Ma tqajjem l-ebda punt taħt din l-intestatura.

DELIBERAZZJONIJIET MHUX LEĠISLATTIVI

5. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"**
16744/12 PTS A 96

Il-Kunsill approva l-lista ta' punti "A" kif tinsab fid-dok. 16744/12.

Id-delegazzjoni tar-Renju Unit indikat li kienet ivvutat kontra punti 5 u 6.

Id-dokumenti dwar il-punt 4 għandhom jaqraw kif ġej:

Punt 4: Sirja

16926/12 PESC 1459 RELEX 1091 COARM 253 COMEM 359 FIN 969

+ COR 1

b) 15956/12 PESC 1353 RELEX 1013 COARM 235 COMEM 346

FIN 849 OC 631

+ REV 1 (en)

+ REV 2 (mt)

6. UE-Ġappun

- Adozzjoni tal-mandat ta' negozjar

15866/12 WTO 349 SERVICES 67 FDI 28 COASI 180 OC 626

15864/12 WTO 348 SERVICES 66 FDI 27 COASI 179 OC 625

+ ADD 1 REV 1 RESTREINT UE

16759/12 WTO 383 SERVICES 72 FDI 31 COASI 195 OC 678 RESTREINT UE

Il-Kunsill:

- adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-Ġappun, kif iffinalizzata mill-Ġuristi-Lingwisti, kif tinsab fid-dok. 15864/12;

- adotta d-direttivi ta' negozjar kif inklużi fid-dok. 15864/12 ADD 1 REV2;

- qabel li jdaħħal fil-minuti tal-Kunsill id-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-ANNEX I għad-dok. 16759/12 + ADD 1 RESTREINT UE.

Ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri adottaw id-Deċiżjoni li tinsab fid-dok. 15866/12, kif iffinalizzata mill-Ġuristi-Lingwisti.

Il-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri jaqblu li, fid-dawl tan-natura tagħhom, dawn iż-żewġ Deċiżjonijiet mhumiex ser jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

7. Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) UE-Kanada

- Stat attwali

Il-Kunsill iddiskuta l-istat attwali u l-prospetti għall-konklużjoni tan-negozjati dwar CETA UE-Kanada fix-xhur li ġejjin.

Il-Kunsill ikkonferma l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-appoġġ tal-Kummissjoni fl-għoti ta' sforz finali meħtieġ għal finalizzazzjoni b'suċċess tan-negozjati, u nkoraġġixxa lill-Kummissjoni biex tkompli tipprovdi informazzjoni sħiħa u f'waqtha dwar il-progress li sar fin-negozjati.

8. Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA) UE-Singapor

- Stat attwali

Il-Kunsill ġie aġġornat dwar l-aħħar stat attwali fin-negozjati dwar il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Singapor u ġie infurmat dwar il-prospetti għall-finalizzazzjoni tagħhom fix-xhur li ġejjin. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni mill-Kummissjoni rigward il-possibbiltà li dawn in-negozjati jiġu konklużi sa nofs Diċembru.

Il-Kunsill appoġġa l-isforzi tal-Kummissjoni lejn il-kisba ta' ftehim ibbilanċjat u aċċettabbli li jqis kemm l-interessi offensivi kif ukoll dawk difensivi tal-UE.

9. UE-Nofsinhar tal-Mediterran

- Stat attwali

Il-Kunsill evalwa l-istat attwali tar-relazzjonijiet kummerċjali u tal-investment mas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran, billi ffoka b'mod partikolari fuq il-progress li sar rigward it-tnedija ta' negozjati mal-Eġittu, il-Ġordan, il-Marokk u t-Tuneżija biex jiġu stabbiliti Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi (DCFTAs).

B'segwitu għal konklużjoni b'suċċess tal-proċess preparatorju mal-Marokk, il-Kunsill laqa' t-tnedija tan-negozjati dwar id-DCFTA UE-Marokk fil-futur qarib. Permezz ta' dan, l-UE kienet qed tagħti sinjal politiku qawwi tal-impenn sod tagħha li ssaħħa aktar ir-relazzjoni kummerċjali u tal-investment mas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran involuti f'riformi politiċi u ekonomiċi. F'dan ir-rigward, il-Presidenza nnotat ukoll il-progress li sar fid-diskussjonijiet mat-Tuneżija.

10. Affarijiet Oħra

- **Tiġdid tas-sistema tal-UE ta' sorveljanza minn qabel tal-azzar lil hinn mill-2012 (mitlub mill-Italja)**

16663/12 WTO 377 STIS 12 UD 301

Bħala tweġiba lid-delegazzjoni Taljana li (appoġġata minn numru kbir ta' delegazzjonijiet oħra) insistiet dwar il-ħtieġa li tiġġedded is-sistema ta' sorveljanza minn-qabel tal-azzar, il-Kummissjoni tenniet l-intenzjoni tagħha li ma ġġeddidx dik is-sistema lil hinn mill-2012.

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

Dwar il-punt "A" Nru 1: **Relazzjonijiet mal-Ġappun**

- **Awtorizzazzjoni għall-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun**

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

It-test ta' din id-dikjarazzjoni jinsab fid-dok. 16441/12 RESTREINT UE (AnnessII).

DIKJARAZZJONI MIR-RENJU UNIT

"Ir-Renju Unit japprova l-fehma stabbilita fid-dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni li l-eżitu probabbli tan-negozjati ser ikun ftehim imħallat, u li n-natura legali ta' dan il-ftehim tkun iddeterminata ladarba s-sustanza tal-ftehim tkun ġiet negozjata. F'dak il-kuntest aħna ninnutaw li l-ħatra ta' negozjatur mill-Kunsill fir-rigward ta' elementi partikolari tal-ftehim eventwali ma tiddeterminax fiha nfisha jekk dawk l-elementi humiex fl-aħħar mill-aħħar aċċettati mill-UE, l-Istati Membri jew it-tnejn."

Dwar il-punt "A" Nru 2: **Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ**
16102/12 WTO 354 SERVICES 70 COEST 389 OC 636
16103/12 WTO 355 SERVICES 71 COEST 390 OC 637

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-UE favur l-adeżjoni tal-Repubblika tat-Taġikistan.

Il-Kummissjoni tinnota li huwa propost li Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tiġi adottata dwar din l-adeżjoni permezz ta' qbil komuni fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Istati Membri fid-WTO. Il-Kummissjoni tinnota li kien ikun possibbli li tiġi adottata deċiżjoni tal-UE li kienet tneħħi l-ħtieġa għal deċiżjoni separata bħal din."

DIKJARAZZJONI MIR-RENJU UNIT

"Id-dispożizzjonijiet relatati mal-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju inklużi fid-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jorbtu biss lir-Renju Unit bħala parti mill-Unjoni fejn huwa nnotifika x-xewqa tiegħu li jipparteċipa fid-Deċiżjoni msemmija hawn fuq f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja."

DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA

"Id-dispożizzjonijiet relatati mal-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju inklużi fid-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jorbtu biss lill-Irlanda bħala parti mill-Unjoni fejn hija nnotifikat ix-xewqa tagħha li tipparteċipa fid-Deċiżjoni msemmija hawn fuq f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda u r-Renju Unit fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. L-Irlanda ser tiżgura li l-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju tkun permessa f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet."

Dwar il-punt "A" Nru 9: Direttiva Delegata tal-Kummissjoni ../.../UE ta' 10.10.2012 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness III għad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għal applikazzjonijiet li fihom il-kadmju

Dwar il-punt "A" Nru 10: Direttiva Delegata tal-Kummissjoni ../.../UE ta' 10.10.2012 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness III għad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għall-applikazzjonijiet li fihom iċ-ċomb

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-BULGARIJA, IR-REPUBBLIKA ĊEKA, IL-GREĊJA, MALTA U S-SLOVAKKJA

"L-Istati Membri msemmijin hawn fuq jesprimu t-tħassib tagħhom dwar il-preżentazzjoni tardiva mill-Kummissjoni taż-żewġ atti delegati li jemendaw, għall-finijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness III għad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjonijiet għal applikazzjonijiet li fihom iċ-ċomb u l-kadmju.

Peress li nagħrfu l-ħtieġa għall-emendi propost u għall-ippreservar tal-aspettattivi leġittimi tal-operaturi, mhux ser noġġezjonaw għall-adozzjoni taż-żewġ proposti. Madankollu, ninsabu preokkupati bl-iskadenza estremament qasira u mhux realistika għat-traspożizzjoni taż-żewġ direttivi fil-leġislazzjoni nazzjonali; għaldaqstant nemmnu fermament li każijiet bħal dawn għandhom jiġu evitati fil-ġejjieni, biex tkun żgurata konformità mal-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-UE."

Dwar il-punt "A" Nru 11: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar ir-reviżjoni tar-Regolamenti Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni li se tittieħed fil-Konferenza Dinjija dwar it-Telekomunikazzjonijiet Internazzjonali jew fil-proċess preparatorju tagħha

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL

"Il-Kunsill jinnota li d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar ir-reviżjoni tar-Regolamenti Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni li se tittieħed fil-Konferenza Dinjija dwar it-Telekomunikazzjonijiet Internazzjonali jew fil-proċess preparatorju tagħha tqajjem kwisjtonijiet legali simili fir-rigward tal-użu tal-Artikolu 218(9) TFUE bħala bażi legali proċedurali

bħal fil-kawża C-399/12 li għaddejja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Kunsill jiddikjara li l-eżitu ta' dak il-każ ser jiġi kkunsidrat fil-futur għal sitwazzjonijiet simili."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA, IR-REPUBBLIKA ĊEKA U S-SLOVAKKJA

"DE, CZ u SK izommmu r-riżervi tagħhom dwar l-użu tal-Artikolu 218(9) TFUE bħala l-bażi legali adatta għall-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet komuni tal-Kunsill f'dan il-kuntest."

DIKJARAZZJONI MIR-RENJU UNIT

"Ir-Renju Unit iqis li l-Artikolu 218(9) TFUE mhux bażi legali adatta biex jintlaħaq qbil dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fuq jekk għandhiex tfittex status imtejjeb ta' osservatur għall-finijiet tal-konferenzi tad-WCIT, kif rifless fil-paragrafu 1(a) tad-Deċiżjoni. Ir-Renju Unit jaqbel li status imtejjeb ta' osservatur ma jistax jitfittex mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, iżda jqis li pożizzjoni bħal din għandha tingħata b'kunsens permezz tal-użu tal-konklużjonijiet."

DIKJARAZZJONI MILL-PAJJIŻI L-BAXXI

"Id-delegazzjoni NL tixtieq tesprimi li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE għall-Konferenza Dinjija dwar it-Telekomunikazzjonijiet Internazzjonali ma tbiddel bl-ebda mod it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni jiddispiacieha li l-Kunsill adotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea li ser tittieħed fil-Konferenza Dinjija dwar it-Telekomunikazzjonijiet Internazzjonali li tmur, b'konsegwenza tal-mod li bih il-proposta tal-Kummissjoni ġiet emendata, kontra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar ir-rappreżentazzjoni esterna tal-Unjoni fis-sens li tinjora bil-kbir ir-rwol tal-Kummissjoni fir-rappreżentazzjoni esterna. Għalhekk, il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tagħmel użu mill-mezzi legali kollha għad-dispożizzjoni tagħha.

Rigward il-punt 6 fuq l-aġenda:

UE-Ġappun

- Adozzjoni tal-mandat ta' negozjar

Id-dikjarazzjonijiet jinsabu fl-ANNEX I tad-dok. 16759/12 + ADD 1 RESTREINT UE.

=====